MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 511/2005

**Catherine Micallef, Marie Therese Vella, Paul Cardona u Maria Dolores Agius ahwa Cardona u b'digriet tat-13 ta' Gunju, 2007 intervjenew in statu et terminis George Micallef, Joseph Vella u Saviour Agius**

**Vs**

**Carmen Mizzi**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-atturi ppresentaw avviz fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hamsa ta' Ottubru u permezz tieghu talbu lil Qorti tikkundanna lill-konvenuta tivvaka l-art maghrufa bhala "Tal-Hlas", f'Wied is-Sewda, limiti ta Hal-Qormi tal-kejl superficjali ta' circa tomna u siegh (1T, 1S) ekwivalenti ghal circa elf, tlett mija u tlettax punt disgha metri kwadri (1,313.9.mk) u troddha lura lill-atturi bil-pusess battal, u bil-benefikati kollha eretti w ezistenti fuqha, fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tifissa din il-Qorti, stante li din tinsab okkupata minnha minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri nterpellatorji datati dsatax ta' April 2005, tlieta ta' Mejju 2005 u s-sebgha ta' Lulju 2005, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni,

Qed jigi dikjarat li l-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni ma jeccedix il-mitt lira Maltin (LM100) fis-sena.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Mizzi fejn eccepiet li:-

1. Preliminarjament, li l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom.

2. Preliminarjament ukoll, li jekk l-atturi akkwistaw l-art in kwistjoni, dan kien recentement tul iz-zwieg taghhom ghalhekk il-gudizzju mhux integru minghajr zwieghom.

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda illi l-eccipjenti tokkupa l-ghalqa inkwistjoni b'titolu ta' kera.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar l-erbatax ta' Frar 2006 l-atturi esebew permezz ta' nota l-atti relattivi ghas-subbasta. Skond ma jirrizulta mid-Dok. CM 4 a fol. 16 tal-process, din l-ghalqa giet akkwistata fi kwoti ugwali minn George u martu Catherine Micallef, Joseph u martu Maria Teresa Vella, Paolo Cardona u Saviour u martu Maria Dolores sive Doreen Agius. Min dawn il-persuni huma biss l-ahwa Cardona u cioe Catherine Micallef, Marie Therese Vella, Paul Cardona u Maria Dolores Agius li istitwew proceduri kontra ohthom l-ohra l-konvenuta Carmen Mizzi.

Illi b'rikorsipprezentat nhar is-sebgha ta' Frar 2006 l-atturi talbu l-kjamat in kawza ta George Micallef (li jigi r-ragel ta' Catherine Micallef), Joseph Vella (li jigi r-ragel ta' Marie Therese Vella) u ta' Saviour Agius (li jigi r-ragel ta' Maria Dolores Agius).

Illi din il-Qorti diversament preseduta ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lill-konvenuta b'digriet taghha tad-disgha ta' Frar 2006.

Illi permezz ta' nota pprezentata f'dawn l-atti nhar it-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2006 l-konvenuta iddikjarat li filwaqt li qed tara diffikultajiet legali kif l-persuni li ser jigu kkjamati in kawza (u ghalhekk ser jkunu meqjusin bhala konvenuti) ser iwiegbu ghat-talbiet attrici, ma topponix ghal din it-talba attrici.

Illi b'digriet ta' din il-Qorti datat ghoxrin ta' April 2006 it-talba tal-atturi giet michuda.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghoxrin ta' April 2006 xehed **Mikiel Spiteri** prodott mill-konvenuta. Spjega li l-ghalqa mertu tal-kawza tinsab fil-pussess tal-konvenuta u din tinstab ftit boghod mill-ghalqa li jahdem hu. Qal li huwa ghandu tnejn u sittin sena u ilu jahdem ir-raba tieghu minn meta kien tfal. Huwa jghid li fil-bidu, l-ghalqa li qeghda fil-pussess tal-konvenuta kienet tinhadem minn missierha u issa mill-istess konvenuta. Huwa xehed ukoll illi gieli ra lil Pawlu Cardona jitla fl-ghalqa ma bintu l-konvenuta. Gieli ukoll inzerta lil iben il-konvenuta. Dan ix-xhud jghid ukoll illi huwa beda jara lill-konvenuta titla tahdem din ir-raba dawn l-ahhar hames snin.

Fl-istess seduta tal-ghoxrin ta' April 2006 xehdet il-konvenuta **Carmen Mizzi.** Ikkonfermat li din l-ghalqa ilha f'idejha ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u dan wara li missierha ma baqax aktar b'sahhtu biex jahdem ir-raba. Hija tghid li missierha u cioe Pawlu Cardona dawwar il-lokazzjoni ta' din i-raba ghal fuqha u dan ghamlu bil-kitba. Hija tistqarr ukoll li missierha kien ilu jahdem din ir-raba ghal dawn l-ahhar erbghin sena. Qabel ma beda jahdimha missierha, kien hemm certu George Debattista. Hija tghid li Debattista dawwar din ir-raba ghal fuq missierha Pawlu Cardona billi ha lill-istess Cardona ghand il-prokuratur tas-sidien ta' l-ghalqa u cioe Dr. Karmenu

Mifsud Bonnici. Hija tghid ukoll illi "*hemmhekk dawru l-lokazzjoni fuq missieri*".

Il-qbiela kienet ta' lira (Lm1) fis-sena. Gara li fis-snin tmenin, Dottor Mifsud Bonnici kien lehaq Prim' Ministru w allura dan ta' l-ahhar kien informa lill-missier il-konvenuta li huwa ma setax jaccetta l-qbiela u li kellu jinforma lil Cardona ghand minn kellu jibda jmur biex jhallasha.

Il-konvenuta tghid li Dottor Mifsud Bonnici baqa qatt m'infurmhom u xi snin wara marru jsibu lill-missierha xi nies imlaqqma "Tal-Vecca" u infurmah li r-raba kienet taghhom u li din kienet ghal bejgh bil-Qorti. Izzid tghid li ghalkemm missierha kien interessat biex jixtri din ir-raba, spiccaw jixtruha hutha, l-atturi odjerni.

Wara li kienu akkwistaw din ir-raba l-atturi, l-konvenuta tghid li hija kienet offriet il-kera lilhom, izda huma ma accettawiex.

Dwar kotba tar-ricevuti dwar din ir-raba, l-konvenuta tghid li Dottor Mifsud Bonnici qatt ma kien ta' lil missierha, izda gieli tah xi bicca karta, liema karti missierha qatt ma zammhom ghax skond il-konvenuta huwa ma jafx jaqra u jikteb.

Il-konvenuta, in kontro-ezami, tistqarr li hi kienet tmur ma missierha sabiex jhallsu din il-qbiela ghand Dottor Mifsud Bonnici. Pero hija tistqarr ukoll li meta Dottor Mifsud Bonnici qalilhom li huwa ma setax jaccetta iktar qbiela u li kien ser jindikalhom il-persuna li kellha tiehu hsieb tali qbiela, huma baqghu ma ghamlu xejn, la hallsu u lanqas iddepozitaw il-qbiela l-Qorti.

**John Mizzi** prodott mill-konvenut xehed nhar it-tmienja ta' Novembru 2006. Huwa jigi iben il-konvenuta. Dan ix-xhud jistqarr illi huwa minn dejjem jaf lil nannuh Pawlu Cardona jahdem ir-raba in kwistjoni. Qal ukoll li meta nannuh ma felahx jahdem ir-raba aktar huwa ghadda l-istess lill-ommu li ilha tahdem ir-raba sa min dakinhar. Ikkonferma ukoll l-art li qeghda tahdem ommhu, illum il-

gurnata tappartjeni lill-atturi u li qabel din kienet proprjeta ta’ niex imlaqqma bhala “Tal-Vecca”.

Illi nhar it-tmienja ta’ Novembru 2006 il-konvenuta pprezentat l-affidavit ta’ missierha **Pawlu Cardona** datat tlieta ta’ Mejju 2005 mahluf quddiem in-Nutar Gerald Spiteri Maempel. Spjega li fis-snin sittin certu George Debattista li kien jahdem ir-raba’ maghrufa ‘Tal-Hlas’ Limiti ta’ Hal Qormi, kien resqu lejn Dottor Karmenu Mifsud Bonnici li kien l-amministratur tal-wirt ta’ Tommaso Cilia maghruf bhala Tal-Vecca. Dan Tommaso Cilia kien sid din ir-raba. George Debattista ried iddawwar din ir-raba ghal fuqu peress li kien kiber fl-eta. Dan ix-xhud jistqarr li kien ilu jhallas il-kera ta’ lira (Lm1) fis-sena u dan sa mis-snin sittin.

Gara li meta fis-snin tmenin dan ix-xhud mar ihallas lil Dottor Mifsud Bonnici l-qbiela ta’ din ir-raba, huwa gie infurmat mill-istess Dottor Mifsud Bonnici li peress li kien lahaq Ministru, huma ma setax jibqa iktar amministratur u ghalhekk ma setax jircievi aktar kera. Huwa baqa ma sema’ xejn minghand Dottor Mifsud Bonnici hlief meta rcieva ittra minghandu fin-1998 fejn infurmah li kien sejjer il-Perit Albert Fenech u dan sabiex jkejjel ir-raba. Huwa stqarr ukoll li fis-sena 2000 ried jerfa’ mix-xoghol u ceda il-kirja ta’ din ir-raba lil bintu Carmen Mizzi, l-konvenuta odjerna.

Nhar il-hmistax ta’ Mejju 2007 l-istess **Pawlu Cardona** xehed in kontro-ezami u dan skond ma jirrizulta mix-xhieda migbura mill-Avukat Dottor Vincent Galea nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop b’digriet taghha tat-tnejn w ghoxrin ta’ Marzu 2007.

Meta Pawlu Cardona gie mistoqsi kif jaf li George Debattista kellu din l-ghalqa de quo b’titolu ta’ qbiela, dan ix-xhud wiegeb billi qal li huwa kien jaf b’dan ghax huwa kellu r-raba tmiss ma din l-ghalqa. L-istess xhud in kontro-ezami qal li Debattista ma kienx urieh karti, pero kienu marru ghand Dottor Karmenu Mifsud Bonnici flimkien. Huwa stqarr ukoll li meta kien mar l-ufficju ta’ Dottor Mifsud Bonnici l-ewwel darba, huwa kien tah bicca

karta "*ma tiswa ghalxejn*" u hallsu lira. Pero imbaghad, skond dan ix-xhud, Dottor Mifsud Bonnici kien izzommlu l-flus izda ma kienx jaghtih xi tip ta' karta. Pero maz-zmien tah xi sitta jew tmien karti. Dan ix-xhud in kontro-ezami jghid illi Debattista kien ihallas sittax-il xelin u huwa beda jhallas lira meta ha l-kirja.

Pawlu Cardona jzid jghid li fis-sena 2000 huwa mar ghand l-Avukat Dottor Joe Zammit Maempel sabiex icedi din ir-raba li kien jahdem.

Izid jghid li l-atturi li huma uhud minn uliedu kienu xtraw l-art mertu tal-kawza, izda huwa kien ceda din ir-raba favur bintu l-konvenuta qabel ma lehqu akkwistawha bis-subasta l-atturi.

Ikkonferma li meta din l-art giet imdawra fuqu huwa ma irregistra mkien lanqas l-Ghammieri. Jghid li l-karti li kien ihallas Debattista ghadhom ghandu u fil-fatt sebixxa il-ktieb ta' ricevuti tieghu, liema ktieb tar-ricevuti gie immarkat bhala Dok. VG 2 u ittra li kien ircieva minghand Dottor Mifsud Bonnici li giet markata bhala Dok. VG 1. Mistoqsi jekk huwa kienx werriet ta George Debattista, dan ix-xhud jistqarr illi huwa ma kienx werriet. Huwa esebixxa ukoll ic-cessjoni li ghamel favur bintu dwar din l-art li giet markata bhala Dok. VG 3. Ikkonferma ukoll li meta Dottor Mifsud Bonnici ma baqax jaccetta l-kera huwa ma ddepositax l-istess il-Qorti. Finalment, dan ix-xhud jghid illi "*jiena lil Dr. Mifsud Bonnici kont nghidlu li qed intih lira ghall-qbiela ta' l-ghalqa. Pero hu ma kienx jistaqsieni ta' liema ghalqa hi u jiena ma kont nghidlu xejn. Hu kien jaf*".

**Victor Vella** prodott mill-atturi xehed nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2007 u spjega illi huwa jahdem fl-ufficju tal-Agrikoltura u d-Dipartiment minnu rapprezentat jirregistra l-bdiewa fuq l-artijiet. Qal li huwa ma kienx f'posizzjoni li jaghti deskrizzjoni ta' l-art li giet deskritta fit-tahrika li rcieva u ghalhekk ma setgha jaghti l-ebda nformazzjoni.

**George Micallef,** zewgt l-attrici Catherine Micallef, xehed nhar it-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2007 u spjega li din l-art kienet harget ghall-bejgh permezz ta-subbasta u li sar jaf b'din is-subasta permezz ta' avviz fil-gazzetta tal-gvern. Qal li l-irkant effettiv sar fid-disgha w ghoxrin ta' Frar 2000. Qal li hut il-mara, l-atturi xtaqu jixtru din l-art u staqsewh sabiex isegwi din is-subbasta. Huwa ghalhekk mar il-Qorti u hemmhekk waqt is-subbasta jghid li anke l-konvenuta kienet hemmhekk flimkien ma zewgha ghalkemm ma kienx jaf li kienu interessati ghall-istess art.

Spjega li l-irkant beda bis-somma ta elfejn lira (LM2000) imbaghad kien hemm certu Duminku Fenech li offra sitt elef lira Maltin (LM6,000) imbaghad ir-ragel tal-konvenuta offra sitt elef hames mija u hamsin (LM6,550) u huwa ghan-nom tal-atturi kollha offra s-somma ta sitt elef u sitt mija Maltin (LM6,600) u b'hekk l-art waqghet fuqu. Sussegwentement sar l-kuntratt il-Qorti. Huwa hallas il-flus u l-art giet tghajjat lilhom u dan skond il-kuntratt esebit u markat bhala Dok. CM 4 u CM 5 rispettivament.

Qal li l-art li xtraw ma kellhiex bieba fuqha u li r-rixtellu li kien hemm sar wara li kienu xtraw l-art u fil-fatt kien mar ikellem lil missier il-mara u cioe lil Pawlu Cardona ghaliex kien tal-opinjoni li kien hu li ghamel ir-rixtellu. Pero f'din l-okkazjoni dan Cardona qallu li kellu titolu fuq l-art u kien ghalhekk li huma bdew jaghmlu r-ricerka. Stqarr li sahansitra anke mad-dipartiment tal-Ghammieri kien iccekja u ma kienx irrizultalu li kien hemm Pawlu Cardona rregistrat bhala gabilott. Ghalkemm irrizultalu li George Debattista kien hekk registrat bhala bidwi. Huwa esebixxa *animo ritirandi* l-librett tal-Ghammieri numru 20619.

Stqarr ukoll li l-avukat tal-konvenuta kien kitbilhom ittra li tinsab esebita u markata bhala Dok. Z, fejn kien infurmhom li l-konvenuta kellha titolu ta' qbiela li kien gie moghti lilha minn missierha. Irrizultalhom pero li dan kollu sar wara li sar l-kuntratt ta' akkwist minn ma l-atturi. Jghid li kien jaf li missier il-mara u l-konvenuta kienu qeghdin jahdmu l-art flimkien ma Ignazio Cardona li jigi wkoll hu l-atturi.

Mistoqsi jekk qattx irceviex ittra minghand Dottor Karmenu Mifsud Bonnici jghid li huwa qatt ma rcieva x'ittra minghandu u li l-ewwel darba li sema bih kien meta mar ikellem lil Pawlu Cardona meta huwa mar sabiex ikellmu fuq ix-xatba. Dan ix-xhud jghid ukoll li ricevuti qatt ma gie muri u lanqas ittra minghandu qatt ma rcieva. Qal li lanqas cedoli mill-Qorti ma rcieva. Kull ma kien ircieva kien cheque minghand Carmen Mizzi u dan gie mibghut lura lilha.

Mistoqsi kemm kien ilu mizzewweg ix-xhud wiegeb li ilu hamsa w ghoxrin sena pero kien ilu gharus ghaxar snin qabel. Mistoqsi ghaliex lil Pawlu ma kelmux qabel ma xtara l-art ix-xhud jghid li interess biex ikellmu ma kellux. Qal li qabel ma xtara l-art mal-atturi l-art kienet ilha ma tinhadem zmien. Ghalkemm fil-passat kien jara lil Pawlu Cardona jahdimha u jizra xi qamh.

**Maria Dolores sive Doreen Agius** l-attrici xehdet nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2007 u qalet li hija minn dejjem tiftakar lil missierha jahdem l-art u fil-fatt kienet tahseb li l-art kienet tieghu. Ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet meta missierha kien ighidilha li xtaq jixtri l-art ghall-uliedu kollha u dan fiz-zmien met kienet ghaddejja s-subbasta. Meta imbaghad saret taf li l-art kienet ghall-biegh in subbasta cemplet lil hutha biex tara min aktar kien interessat jixtri l-art maghha u kien hemm fosthom min accetta. Huma ghalhekk ghamlu prokura f'isem George Micallef ir-ragel ta' ohtha sabiex imur jixtri l-art ghan-nom taghhom u fil-fatt hekk ghamel l-art giet mixtrija ghan-nom tal-atturi kollha.

Wara li xtraw l-art huma marru fl-ghalqa in kwistjoni u sabu xatba pero min wahhalha ma kienitx taf. Meta hutha marru jkellmu lill-missierha dan qalilhom li huma kienu xtraw l-ghalqa bi qbiela pero huma ma kienu jafu xejn. Huma talbu lill-konvenuta sabiex taghtihom kull dokument li kellha dwar din il-qbiela pero ma tathom xejn. Hija esebiet zewg ittri li l-avukat taghha kien baghat lill-konvenuta li gew markati bhala Dok. GS 1 u GS 2.

Stqarret li l-ewwel darba li rat ktieb tal-qbiela fuq l-art in kwistjoni kien meta missierha Pawlu Cardona kien qed jixhed quddiem l-Avukat Dottor Vincent Galea meta rat id-dokument Dok. VG 2, ghalkemm il-qbiela kienet tghajjat lil haddiehor. Mistoqsija jekk qattx irceviet qbiela wara li kienet xtrat l-art hija wiegbet fin-negattiv u mistoqsija jekk ircevietx xi cedoli ta' depozitu mill-Qorti hija wiegbet ukoll fin-negattiv. Mistoqsija kienitx taf kif kienet ghand missierha l-art mertu tal-kawza x-xhud wiegbet li ma tafx.

Rat ir-rikors tal-atturi prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmintax ta' Mejju 2007 fejn talbu a bazi tal-artikolu 175 tal-Kap 12 li issir tibdila fl-avviz fis-sens li fl-okkju u fl-atti kollha sussegwenti u relattivi jizdiedu l-ismijiet ta George Micallef, Joseph Vella u Saviour Agius bhala atturi f'din il-procedura.

Rat id-digriet taghha tal-wiehed w ghoxrin ta' Mejju 2007 fejn ordnat notifikat tieghu lill-konvenuta b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata hdax ta' Gunju 2007 li biha ddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li George Micallef, Joseph Vella u Saviour Agius jintervjenu *in statu et terminis* fil-kawza odjerna u li fil-fatt kienet qed tirrimetti ruha b'dan pero li l-istat (statu) li waslet fiha l-kawza hija bil-provi maghluqa miz-zewg partijiet u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex tippermetti li tinfetah il-kawza ghall-provi.

Rat id-digriet taghha tat-tletax (13) (erronjament imnizzel bhala 14 fuq il-kopja dattilografata) ta' Gunju 2007 fejn laqghet it-talba tal-atturi u awtorizzat lil George Micallef, Joseph Vella u Saviour Agius jintervjenu *in statu et terminis* b'dan li tattira l-attenzjoni taghhom li l-provi huma kollha maghluqa u tordna ghalhekk li isiru z-zidiet fl-okkju tal-kawza u kull fejn jehtieg skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-atturi tal-erbgha ta' Gunju 2007, fejn talbu li jesebixxu pjanta tal-art in kwistjoni, rat id-digriet taghha tas-sitta ta' Gunju 2007 fejn ordnat notifikat lill-konvenuta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta kif registrat waqt is-seduta tas-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 2007 fejn iddikjarat li ma kellhiex opposizzjoni ghal tali talba u li ghalhekk b’digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-istess jum tas-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 2007 il-Qorti laqghet it-talba atturi ghall-prezentata tal-pjanta markata Dok. SGT.

Semghet il-partijiet jghamlu s-sottomissjonijiet taghhom nhar is-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 2007 u li ghalhekk il-kawza illum tinsab differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi f’din il-kawza, l-atturi qeghdin isostnu li l-konvenuta qeghda tokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi l-art maghrufa bhala “Tal-Hlas”, f’Wied is-Sewda, Hal-Qormi tal-kejl superficjali ta’ circa tomna u siegh.

Il-konvenuta da parti taghha qeghda tghid li hija tokkupa l-ghalqa ‘n kwistjoni b’titolu ta’ kera.

Il-konvenuta ressqet ukoll zewg eccezzjonijiet preliminari; wahda fir-rigward tat-titolu w ohra fis-sens li l-gudizzju qatt ma seta’ jkun integru galadarba zwieg l-atturi ma kienux parti fil-kawza. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet, qed jigu michuda mill-Qorti. Dan ghaliex fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni, l-atturi esebew id-dokumentazzjoni relattiva u dan fis-sens li gie ippruvat li huma verament is-sidien ta’ l-ghalqa mertu tal-kaz in kwistjoni u li dawn kienu xtrawha bil-procedura tas-subasta. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **<u>Galea vs Jones et noe</u>** (per Onor. Imh. T. Mallia) deciza fit-3 ta’ Gunju, 2005 u ghas-sentenza **<u>Dr. Carmel sive Lino Gauci Borda vs Dentist Mark Azzopardi et</u>** (per Onor. Imh. A. Manche) deciza fit-22 ta' Mejju, 1996. F’dawn iz-zewg sentenzi l-Prim’ Awla ghallmet li r-ratio wara d-dispost ta’ l-artikolu 1322 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa li sakemm att ma jkunx jaqa taht is-subartikolu (3) ta’ dan l-artikolu, allura ma jitqiesx li huwa att ta’ natura straordinarja. Fi kwalunkwe kaz, jekk l-atturi jkunu qeghdin jagixxu, kif fil-fatt qeghdin jaghmlu, bhala *bonus*

*paterfamilias*, allura zgur li ma ghandux ikun hemm xi sanzjoni applikabbli. L-atturi qeghdin, jekk xejn, jippruvaw izidu l-komunjoni ta’ l-akkwisti, billi jiehdu lura bicca art li xtraw waqt iz-zwieg taghhom, u ghalhekk dan l-agir huwa permessibbli anke minghajr zewghom.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-sebgha w ghoxrin ta’ Gunju, 1953 fl-ismijiet “**Joseph Zammit -vs- Joseph Hili**”, inghad illi

“*In forza tal-principju li l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah, is-sid li jallega li d-detentur ta’ fond qieghed jokkupah minghajr titolu huwa obligat jaghmel il-prova tal-prekarjeta` ta’ dik id-detenzjoni*”.

Fiha ssokta jinghad, pero`, illi

“*Spiss jigri li waqt li l-kawza tkun miexja l-piz tal-prova jghaddi fuq il-parti l-ohra ghax jista’ jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta*”.

Issa f’dan il-kaz, il-konvenuta qeghda tghid illi hija ghandha titolu ta’ qbiela. In sostenn ta’ l-argumentazzjoni taghha, hija esebiet skrittura datata tnejn ta’ Mejju, 2000 (a fol. 68 tal-process) iffirmata minnha u minn missierha Pawlu Cardona. Skond din l-iskrittura Pawlu Cardona ceda u assenja l-kirja (qbiela) tal-ghalqa fuq imsemmija maghrufa “Tal-Hlas”, f’Wied is-Sewda, Qormi lill-bintu, il-konvenuta odjerna, Carmen Mizzi li accettat. F’din l-iskrittura gie premess illi Pawlu Cardona ghandu b’titolu ta’ kera (qbiela) l-ghalqa maghrufa “Tal-Hlas” f’Wied is-Sewda fil-limiti ta’ Qormi tal-kejl ta’ cirka tomna u siegh (1T 1S) b’kera ta’ lira (Lm1) fis-sena pagabbli kull sena b’lura f’Santa Marija.

Issa l-atturi, f’din l-istanza w anke skond ma jirrizulta mill-provi, qeghdin jghidu li missierhom Pawlu Cardona qatt ma kellhu titolu ghal din ir-raba ossia ghalqa u allura la ma

kellux titolu huwa qatt ma seta jcedi din ir-raba lill-bintu l-konvenuta.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda moghtija mill-istess Pawlu Cardona li jghid li din ir-raba kienet issejjah lil certu George Debattista. Dan il-fatt huwa ikkonfermat mill-ktieb tal-hlas tal-qbiela immarkat bhala Dok. VG 2 u li jinsab esebiet a fol. 64 et seq. tal-process. L-istess Pawlu Cardona imbaghad jghid li dan George Debattista hadu ghand il-prokuratur tas-sidien ta’ din l-ghalqa u cioe Dottor Karmenu Mifsud Bonnici u skond l-istess Cardona, Dottor Mifsud Bonnici tah bicca karta li ma kienet tiswa ghal xejn u dan peress li Cardona ta lil Dottor Mifsud Bonnici lira (Lm1) bhala qbiela. Cardona jistqarr ukoll li huwa ma kienx izzomm il-karti li kien jaghtih Dottor Mifsud Bonnici, minkejja li, skond hu, kien ilu snin twal ihallsu Lm1 fis-sena. Cardona stqarr ukoll illi meta fis-snin tmenin, Dottor Mifsud Bonnici lahaq Ministru w imbaghad sussegwentement Prim’ Ministru, huwa ma baqax ihallsu din il-lira l-ghaliex meta kellem lill-istess Dottor Mifsud Bonnici, dan ta’ l-ahhar infurmah li ma setax jibqa jaccetta l-qbiela u li kellu javzah min kien ser jiehu postu bhala amministratur tal-wirt ta’ Tommaso Cilia, imlaqqam “Tal-Vecca”.

Issa mid-dokument esebit a fol. 64 et seq tal-process, liema dokument huwa immarkat bhala Dok. VG 2, jirrizulta li Dottor Mifsud Bonnici sa’ l-ghaxra ta’ Novembru, 1981 kien qieghed jircievi Lm1 qbiela minghand il-werrieta ta’ George Debattista (ara fol. 67). Min imkien ma jidher isem Pawlu Cardona, anzi meta Pawlu Cardona gie mistoqsi jekk huwa huwiex werriet ta’ George Debattista, Cardona wiegeb u qal illi ma kienx werriet. Lanqas qatt ma giet registrata din ir-raba fuq isem Pawlu Cardona, minkejja li George Debattista kien hekk registrat ma’ l-Ghammieri. Meta gie mistoqsi jekk kellhux xi dokumentazzjoni iffirmata li turi li huwa fil-fatt kien ihallas din il-qbiela lil Dottor Mifsud Bonnici, dan ix-xhud jghid illi Dottor Mifsud Bonnici kien tah xi 6 jew 8 bicciet karti, liema karti pero dan ix-xhud jghid li qatt ma zammhom, minkejja li zamm il-ktieb tal-qbiela ta’ George Debattista.

Il-Qorti ma hijiex konvinta, mill-provi migjuba li dan Pawlu Cardona kien qieghed jiddetjeni r-raba mertu tal-kaz odjern b'titolu validu kif qeghda tallega l-konvenuta w allura la huwa ma kellux titolu, qatt ma seta' jghaddi tali titolu lil bintu bl-iskrittura datata tnejn ta' Mejju, 2000 (Dok. VG 3 a fol. 68 tal-process). Anke meta gie mistoqsi jekk huwa kienx jiddepozita l-kera ossia l-qbiela taht l-Awtorita tal-Qorti, dan ix-xhud wiegeb fin-negattiv u qal li qatt ma iddepozita xejn.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra takkolji t-talba ta' l-atturi u qeghda tiddikjara li l-konvenuta ma ghandhiex titolu validu fil-ligi.

**Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoniijiet tal-konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuta qeghda tiddetjeni l-fond imsemmi fl-avviz minghajr titolu validu skond il-ligi u ghal fini ta' zgumbrament, taghti lill-konvenuta terminu qasir u perentorju ta' wiehed u ghoxrin (21) gurnata sabiex jizgombra mill-istess.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------